**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 21 - IT-TLIETA 24 TA' AWWISSU 2010**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku (waslet fit-7:55pm) |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier (wasal fit-8pm) |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata: | Pauline Miceli | Kunsillier |
| Pubbliku: | Kien hemm żewġ persuni preżenti għal parti mil-laqgħa. | |

Hekk kif bdiet il-laqgħa s-SE informa li ma kien irċieva xejn mingħand il-Kunsillieri Miceli u Sammut dwar jekk kienux se jattendu filwaqt li s-Sindku kienet infurmatu li se tittardja. Huwa staqsa lill-membri jekk kellhomx informazzjoni iżda wieġbu fin-negattiv.

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Il-Kunsill għadda biex jikkunsidra u japprova l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

1.2. Il-minuti ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mill-Viċi Sindku u mis-SE.

1.3. Il-Kunsill qabel li immedjatament jgħaddi għat-tielet suġġett fuq l-aġenda biex iħalli t-tieni suġġett tal-aġenda għal meta tasal is-Sindku.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' ĦLASIJIET

2.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' ħlasijiet pendenti li kienet approvata. Din kienet tinkludi wkoll rendikont tad-dħul għax-xahar ta' Lulju. Il-lista hija annessa f'A.

2.2. Il-Viċi Sindku staqsa kemm swiet l-ispiża tal-ġemellaġġ. Is-SE wieġeb li kienu għadhom ma waslux il-kontijiet kollha biex ikun jista' jippreżenta rendikont tal-infiq dettaljat u eżatt iżda se jagħmel dak kollu possibbli biex jippreżentah fil-laqgħa li jmiss. Rendikont ieħor mitlub u li se jgħaddi fil-laqgħa li jmiss kien tal-ispejjeż tal-attività L-Istorja Tmexxi s-Sengħa.

2.3. Is-SE ressaq ukoll il-lista tal-ordnijiet li saru f'Lulju li tammonta għal €6,453. Din hija annessa f'B.

2.4. Is-SE informa lill-Kunsill li qabel ma spiċċa l-Kunsill preċedenti kien hemm l-approvazzjoni biex isiru balavostri fi pjazzetta fuq Triq Santa Marija biswit is-Santwarju tal-Ħniena Divina. Dan biex ineħħi perikli li jista' jkun hemm minħabba li kien hemm ċertu għoli għal fuq il-bankina. Huwa informa li sa dak iż-żmien il-Kunsill ma kellux idea x'jista' jiswa u għalhekk huwa talab stima waħda u infatt l-istima qabżet l-ammont li biha l-Kunsill jista' jagħmel ordni diretta. Huwa informa li b'dak l-ammont il-Kunsill kien jeħtieġ li jagħmel sejħa pubblika għall-kwotazzjonijiet iżda qabel xtaq il-konferma tal-Kunsill li kien lest li jidħol għal spiża simili. Il-Kunsill aċċetta li kien lest li jonfoq dak l-ammont u għalhekk talab li ssir sejħa pubblika għall-kwotazzjonijiet.

## 3. RAPPORT MIĊ-*CHAIRPERSON* TA' BIĊ DWAR IL-ĦIDMA TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV

3.1. Is-Sinj. Cuomo tat rendikont tal-ħidma tal-Kumitat Amminstrattiv ta' BIĊ mill-aħħar laqgħa. Hija semmiet li l-Kumitat kellu laqgħa mad-diriġenti tal-i*scouts* ta' B'Kara dwar il-*camp site* fejn minkejja li kien għamlu wegħdi biex jibgħatu xi informazzjoni, din l-informazzjoni ma waslitx.

3.2. F'dan il-ħin waslet is-Sindku. Il-ħin kien it-7:55pm.

3.3. Is-Sinj. Cuomo infurmat ukoll li l-Kumitat kellu laqgħa oħra ma' dilettanti tal-*horse riding* fejn kien hemm rieda li flimkien isir tentattiv biex tinstab soluzzjoni għall-problemi relatati.

3.4. Is-Sinj. kompliet li kienet saret ukoll laqgħa *on site* mas-SE biex ikunu nnutati lilu l-problemi li hemm f'BIĊ.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

4.1. Is-SE ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill applikazzjoni biex isiru toqob għan-nar tal-art għal waqt il-festa tal-Vitorja. Huwa kompla li kien ikkonsulta mal-Peace Band Club, mal-Kumitat tal-Festi Esterni u ma' sid il-pompa tal-petrol iżda ma kienx għad kellu r-risposti meħtieġa. F'dan il-ħin il-Kunsill talab lill-applikant (li kien preżenti) biex jispjega fid-dettall. Is-Sur Silvan Azzopardi informa li kienu għadhom kemm iltaqgħu fuq il-post u ħadd ma sab oġġezzjoni. F'dan il-ħin sar kuntatt telefoniku mal-Arċipriet u aktar tard mal-persuna li kienet preżenti fil-laqgħa msemmija għan-nom tal-Kumitat tal-Festi. Minn dawn il-kuntatti ħareġ li ma kienx hemm oġġezzjonijiet u għalhekk kienu se jinfurmaw lill-Kunsill bil-miktub.

4.2. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Sammut. Il-ħin kien it-8pm.

4.3. Wara diskussjoni l-Kunsill approva l-permessi tat-toqob kemm għall-Pjazza kif ukoll waħda fi Triq Santa Luċija.

4.4. F'dan il-ħin il-Kunsill iddiskuta wkoll l-għeluq tat-toroq għal waqt il-Festa. F'dan ir-rigward il-Kunsill approva li nhar l-4 ta' Settembru tingħalaq naħa waħda tal-Pjazza min-nofsinhar filwaqt li fil-5 u s-6 ta' Settembru tingħalaq kompletament mis-7:30am ħlief li l-vetturi jitħallew jaċċessaw in-negozji fil-parti ta' fuq ta' Triq tal-Labour. Il-Kunsill qabel li jipprovdi s-servizz ta' gwardjani fl-4 u fis-6 ta' Settembru għall-ordni tat-traffiku.

4.5. Is-SE informa li kellu talba li xtaq iressaqha malajr lill-Kunsill minħabba xogħol li kellu jagħmel resident. It-talba kienet tirrigwarda ammont ta' tabelli ma' parapett wieħed u li kaġun tagħhom lanqas seta' jagħmel il-manutenzjoni tiegħu. Is-SE informa li huwa kien ordna t-tneħħija ta' tnejn mit-tabelli minħabba li ħass li t-talba kienet ġustifikata iżda suġġetti però għall-konferma tal-Kunsill. Filwaqt li l-Kunsill aċċetta t-tneħħija tagħhom qabel li dik tal-limitu tal-i*speed* titpoġġa taħt it-tabella li turi t-tfal tal-iskola.

4.6. Il-Kunsillier Muscat Fenech Adami talbet lill-Kunsill jikkunsidra li jagħmel Triq l-Iklin f'direzzjoni waħda.

4.7. Is-SE informa li fil-preżent TM ma kinux qed jikkunsidraw applikazzjonijiet tal-Kunsill minħabba kont pendenti. Is-Sindku wegħdet li se tara kif tagħmel dwar din il-problema.

4.8. Is-SE ta informazzjoni dwar iż-żbir tas-siġar minħabba li x-xogħol kien twaqqaf mill-MEPA filwaqt li jemmen li t-twaqqif ma kienx ġustifikat.

4.9. Is-SE ippreżenta kwotazzjonijiet għal żieda mat-tabelli ta' merħba biex ikun indikat li n-Naxxar huwa issa ġemellat ma' Mornago. Il-Kunsill għażel l-irħas minn tliet kwotazzjonijiet li kienet mingħand Spiral Design għall-prezz ta' €40.12 kull waħda.

4.10. Il-Kunsillier Gatt irrakkomanda li l-Kunsill għandu jikkunsidra wkoll it-tibdil tat-tabelli bil-messaġġ kontra d-drogi. Is-Sindku infurmat li se titkellem ma' HSBC biex tara jekk jisponsorjawhomx huma.

4.11. Is-SE kien mistoqsi dwar x'sar mill-inizjattiva dwar l-*ashtrays* fuq barra l-każini. Huwa wiegħed li se jindaga dwarha.

4.12. Is-SE ippreżenta l-ittra mingħand Stanley Fenech. Minħabba li kienet intbagħatet minn qabel lil kull Kunsillier ġiet meqjusa moqrija. Is-SE kien mitlub iwieġeb li l-Kunsill ħa nota tal-kummenti.

4.13. Issemmew problemi tat-tindif madwar il-lokalità, inkluż f'Baħar iċ-Ċagħaq. Is-SE talab lill-membri biex meta jilmentaw fuq it-tindif ikunu speċifiċi u possibilment jgħaddulu r-ritratti ħalli jkun jista' jikkonfronta lill-kuntrattur bihom. Kien hemm qbil li possibilment il-lista tal-ġranet bit-toroq kif isir it-tindif għandha tkun ippublikata fil-Kuntatt.

## 5. MOZZJONI FUQ IL-*BRING-IN SITES*

5.1. Il-Kunsillier Brincat ressaq mozzjoni li kienet issekondata mill-Kunsillier Galea kif anness f'Ċ.

5.2. Kien hemm reazzjoni mħallta għal din il-mozzjoni u fil-fatt ħarġu proposti oħra inkluż mis-Sindku biex jitpoġġew tabelli ħdejn kull *bring-in site*. Issemmiet il-possibbilità li jinġiebu *Green Wardens* għal numru ta' ġranet.

5.3. Kien hemm qbil unanimu li jitpoġġew tabelli dwar l-użu tagħhom kif suġġerit mis-Sindku u jinġiebu l-*Green Wardens* fuq bażi ta' ħmistax-il ġurnata.

5.4. Sadanittant kien hemm qbil unanimu li l-mozzjoni kif imressqa tiġi aġġornata għal wara li jsir dan kollu biex skont ir-riżultat tittieħed l-azzjoni.

## 6. PROPOSTA GĦAL IMPJIEG ĠDID

6.1. Il-Kunsillier Bonello ressaq proposta lill-Kunsill biex jimpjega persuni klerikali iżda fuq livell ta' skala 11 biex ikun iffukat fuq l-organizzazzjoni ta' attivitajiet kif ukoll applikazzjoni għall-fondi tal-UE, skemi eċċ.

6.2. Għalkemm għal din is-sena finanzjarja l-Kunsill ma vvutax fondi għal dan, il-Kunsillier Bonello fakkar li l-Kunsill ivvota somma għall-kuntratt ta' *Works Manager* li mhux se tilħaq tkun utilizzata u għalhekk dawn jistgħu jmorru għall-impjieg tal-persuna l-ġdida.

6.3. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament li jagħmel talba lid-Dipartiment ħalli jkun jista' jipproċedi.

## 7. RISPOSTA GĦALL-ITTRA TA' DIREZZJONI (*MANAGEMENT LETTER*)

7.1. Is-SE ippreżenta l-ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri kif ukoll l-abbozz tar-risposta. Minħabba li dawn intbagħtu qabel il-laqgħa kienu meqjusa moqrija.

7.2. Is-SE spjega wkoll ir-risposti filwaqt li l-Kunsill qabel unanimament li jintbagħtu kif abbozzati.

7.3. Il-Kunsill f'dan l-istadju ħass li s-servizz tal-*Accountant* mhux qiegħed jingħata kif meħtieġ u jidher li hemm nuqqasijiet li ħarġu mill-ittra ta' direzzjoni. Għalhekk qabel li m'għandux jistenna aktar żmien biex jipproċedi bil-ħruġ tal-offerti għal dan is-servizz biex ikun jista' jittermina l-kuntratt preżenti.

## 8. L-ATTIVITAJIET LI ĠEJJIN

8.1. Is-SE fakkar li fil-5 ta' Settembru se ssir l-attività annwali tal-għoti tad-donazzjonijiet għall-*Malta Community Chest Fund* lill-ET il-President tar-Repubblika. Is-SE fakkar li issa l-Kunsilli ma jisgħux joffru aktar fondi bħala donazzjoni u għalhekk kien hemm qbil li bħala Kunsill issir ġabra bejn il-Kunsillieri u l-istaff.

8.2. Is-Sindku fakkret fl-invit għall-quddiesa tal-organizzazzjonijiet u li bħala ġest simboliku kienet se tkun ippreżentata bandiera tan-Naxxar minn wieħed mill-membri.

8.3. Is-Sindku fakkret ukoll fl-invit lill-Kunsill għall-quddiesa u l-okkażjoni tal-ordinazzjoni ta' Dun Stefan Galea. Il-Kunsill qabel li jinxtara rigal żgħir bħala tifkira.

## 9. TMIEM IL-LAQGĦA

9.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa filwaqt li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 28 ta' Settembru fis-19:30pm. Il-ħin kien l-10.40pm.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

A

**Lista ta' Pagamenti - Laqgħa Nru. 21**

| Supplier | Description | Invoice No | Ammount |
|---|---|---|---|
| A.S. Supplies | Signs in Civic Centre | 254750 | €397.83 |
| Aeolos Malta Ltd. | Tickets for St. John's Co-Cathedral | | €189.00 |
| All Interiors | Curtain Wands | 705 | €4.72 |
| All Interiors | Repair of Blinds | 703 | €23.00 |
| All Interiors | Curtain Rails | 704 | €135.00 |
| Anthony A. Chircop | Accounting Services April - June 2010 | 2 | €600.00 |
| Archway Ironmongery | Items Purchased | 30859 | €226.75 |
| Archway Ironmongery | Items Purchased | 30789 | €322.82 |
| Archway Ironmongery | Items Purchased | 30783 | €101.07 |
| Arms LTD | Electricity & Water Bill - Gnien Unjoni Ewropea | 12567854 | €350.69 |
| Arms LTD | Electricity & Water Bill - Public Garden & Parking in Triq L-Ghakkies | 12567856 | €183.97 |
| Bacchus Restaurant | Dinner Set Menu - Mornago Delegation | 15581 | €1,085.00 |
| Bad Boy Cleaning Services | Regular Maid Service | 47923 | €357.65 |
| Bitmac Ltd | Bags Instant Road Repair | 12184 | €38.47 |
| C.S.D. Office Trade | Stationary for Office use | 31446 | €216.44 |
| Charles Butcher | Meat Items for Salina BBQ | 2448 | €98.70 |
| Charles Sant | Skip Services - May 2010 | | €50.00 |
| Charlie Mifsud | Street Cleaning - Zone A - July 2010 | 828 | €1,235.54 |
| Charlie Mifsud | Street Cleaning - Zone E - July 2010 | 827 | €390.30 |
| Charlie Mifsud | Weed Cutting - Non-Urban - July 2010 | 826 | €1,603.63 |
| Charlie Mifsud | Beach Cleaning - Extra Work - July 2010 | 829 | €2,130.78 |
| Charlie Mifsud | Beach Cleaning - July 2010 | 830 | €2,811.90 |
| Cimaco Group Ltd | Hand Towels & T/Paper Rolls | 5245 | €127.73 |
| Cleansing Services Dept. | Cleaning & Attendance of Public Conveniences - July 2010 | 70348 | €889.34 |
| COA Ink & Toner Recharging Ltd | Printer Toner - PO3367 | 1895 | €48.92 |
| Country Garage | 2 Poles (6mtrs x 2.5") | | €52.00 |
| Dr. Maria F. Deguara | Reimbursement for Items bought for Mornago Delegation | | €170.34 |
| ELC | Works Carried out during July 2010 | 6424 | €3,365.46 |

A

| | | | |
|---|---|---|---|
| Enemalta Corporation | Application for Electricity @ Triq Sir H. Luke | | €300.00 |
| Frans Butcher | Whole Chicken Legs - Mornago Delegation | 163 | €97.58 |
| Frans Butcher | Cube Roll - Mornago Delegation | 171 | €17.86 |
| G4S Security Services | CIT July 2010 | 686 | €167.42 |
| Gaia Foundation | Seminar / Tour inc lunch @ Gaia Foundation | | €559.00 |
| Galea Curmi Engineering Consultants | Contract Manager fee - July 2010 | 2348 | €272.54 |
| Gauci Borda & Co Ltd. | Flags - PO3347 | 45160 | €56.01 |
| Georgina Grima | Nursing Services - July 2010 | | €424.20 |
| GO plc | Telephony Services - Line 1 | 24140401 | €204.83 |
| GO plc | Telephony Services - Line 2 | 24140395 | €23.53 |
| GO plc | Telephony Services - Line 3 & 4 | 24140394 | €223.96 |
| Grace Camilleri | Librarian Services - July 2010 | | €163.24 |
| Green Supplier Ltd | Various Plants for Civic Centre | 12574 | €198.00 |
| Green Supplier Ltd | Flower Arrangements (Mornago Twinning) | 12625 | €70.80 |
| Impressions Ltd | Printing of Twinning Agreements | 28675 | €37.77 |
| InServ | Heavy Duty Plastic Bags | 122511 | €24.01 |
| JB Stores | Sheer Material for curtains in Conference Room | 7025 | €14.70 |
| JGC Ltd. | 1 sq mtr of Tilings for Playing field | 88 | €35.00 |
| Joe Bonnici & Sons | Hire of 4 Mobile Toilets @ Salina Picnic Area - Mornago Delegation | 5152 | €94.40 |
| Jurgen Attard | Football Ground Guardian - June 2010 | 1156663 | €117.00 |
| Jurgen Attard | Football Ground Guardian - July 2010 | 1156664 | €120.90 |
| Land Department | Rent of Football Ground & Public Toilets | 1238011 | €232.94 |
| Leo's Garage Paramount | Transport Services - July 2010 | 22712 | €167.70 |
| Lighthouse Communications Ltd | LED Screen Video Display in Valletta - L-Istorja Tmexxi s-Sengha | 1318 | €1,062.00 |
| Malta Outdoors Ltd. | Water Games Equipment rental for Mornago Delegation @ Salina | 789 | €350.00 |
| Maypole Ltd | Food items for Mornago Delegation | 9044 | €166.68 |
| Melita plc | Telephony Services | 29056888 | €17.94 |
| Melita plc | TV Services | 29072315 | €17.92 |
| Mifsud & Mifsud Advocates | Retainer November 2009 | 228 | €109.98 |
| Mifsud & Mifsud Advocates | Retainer December 2009 | 15 | €109.98 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Mifsud & Mifsud Advocates | Retainer January 2010 | 25 | €109.98 |
| Mifsud & Mifsud Advocates | Retainer February 2010 | 46 | €109.98 |
| Mifsud & Mifsud Advocates | Retainer March 2010 | 84 | €109.98 |
| Mifsud & Mifsud Advocates | Retainer April 2010 | 120 | €109.98 |
| Mifsud & Mifsud Advocates | Retainer May 2010 | 159 | €109.98 |
| Mifsud & Mifsud Advocates | Affidavit Paul Gatt | 27 | €75.00 |
| Mifsud & Mifsud Advocates | Retainer June 2010 | 199 | €109.98 |
| Mifsud & Mifsud Advocates | Retainer - July 2010 | 241 | €109.98 |
| Naxxar Scout Group | Rental of Fridge Van | 24163 | €82.60 |
| Naxxar Scout Group | Ice Blocks | | €16.00 |
| Nicky's Butcher | Meat Items for Salina BBQ | | €57.00 |
| Peace Band Club | Refreshments for Mornago Delegation | 1798051 | €47.00 |
| Perfect Screen Printers Ltd. | T-Shirts & Bags for Mornago Twinning Event | 11004 | €634.84 |
| Permanent Secretary MFA | Rental of Flags | | €37.28 |
| Permanent Secretary MFA | Deposit for Flags | | €186.32 |
| Principal Permanent Secretary OPM | Replacement of Missing Props during L-Istorja Tmexxi s-Sengha | | €38.10 |
| R&G Hardware Stores | Paint - PO3362 | 25468 | €7.66 |
| R&G Hardware Stores | Paint - PO3366 | 25475 | €7.66 |
| Ricky Caruana | Landscaping Works in Triq in-Nahal | | €25,000.00 |
| Ricky Caruana | Landscaping Works in Triq in-Nahal | | €28,925.76 |
| Sghajtar Pastoral Centre | Lunch for Mornago Delegation | | €500.00 |
| Smart Supermarket | Food items for Mornago Delegation | 500286201 | €94.99 |
| Smart Supermarket | Food items for Mornago Delegation | 240325296 | €133.12 |
| Smart Supermarket | Food items for Mornago Delegation | 240325297 | €479.63 |
| Smart Supermarket | Food items for Mornago Delegation | 240325315 | €447.61 |
| Smart Supermarket | Food items for Mornago Delegation | 240325321 | €80.90 |
| Smart Supermarket | Food items for Mornago Delegation | 240325324 | €200.39 |
| Smart Supermarket | Food items for Mornago Delegation | | €49.49 |
| Smart Supermarket | Food items for Mornago Delegation | | €14.00 |
| Smart Supermarket | Food items for Mornago Delegation | | €12.85 |
| Smart Supermarket | Food items for Mornago Delegation | | €16.48 |
| Smart Supermarket | Food items for Mornago Delegation | 240325327 | €5.85 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Smart Supermarket | Food items for Mornago Delegation | 240325304 | €50.50 |
| Smart Supermarket | Food items for Mornago Delegation | 700286269 | €46.33 |
| Smart Supermarket | Food items for Mornago Delegation | 700286053 | €62.62 |
| Smart Supermarket | Food items for Mornago Delegation | 500286334 | €1,110.79 |
| Smart Supermarket | Food items for Mornago Delegation | 700286054 | €122.23 |
| Teatru Manoel | Visit by Mornago Delegation | | €80.00 |
| The Lighthouse Keepers | Street Lighting (including payments pending since 2006) | | €20,000.00 |
| Transient Light & Sound Ltd | Hire & set up of Sound & Light - Pjazza Castro - Mornago Delegation | 2644 | €321.55 |
| Transient Light & Sound Ltd | Hire & set up of Sound & Light - Pjazza SPTT - Mornago Delegation | 2643 | €321.55 |
| Transient Light & Sound Ltd | Hire & set up of Sound & Light - Pjazza Vittorja - Mornago Delegation | 2642 | €321.55 |
| Trattoria Fiorino D'Oro | Lunch for Mornago Delegation | 223A4683 | €340.00 |
| Victory Butcher | Meat Items for Salina BBQ | | €78.00 |
| Villa Arrigo Ltd. | Reception for Mornago Delegation | 2010050802 | €1,097.70 |
| Mayor | Remuneration for March 10 | | €795.50 |
| Clerical staff | Salaries for March 10 | | €8,637.11 |
| Commissioner of Inland Revenue | NI + FSS for March 10 | | €2,273.18 |
| Mayor | Remuneration for April 10 | | €796.50 |
| Clerical staff | Salaries for April 10 | | €5,960.97 |
| Commissioner of Inland Revenue | NI + FSS for April 10 | | €1,790.80 |
| Mayor | Remuneration for May 10 | | €797.50 |
| Clerical staff | Salaries for May 10 | | €5,951.24 |
| Commissioner of Inland Revenue | NI + FSS for May 10 | | €1,820.92 |
| Mayor | Remuneration for June 10 | | €798.50 |
| Clerical staff | Salaries for June 10 | | €7,090.28 |
| Commissioner of Inland Revenue | NI + FSS for June 10 | | €3,255.90 |
| Mayor | Remuneration for July 10 | | €799.50 |
| Clerical staff | Salaries for July 10 | | €7,226.43 |
| Commissioner of Inland Revenue | NI + FSS for July 10 | | €1,973.92 |
| **TOTAL:** | | | **€105,333.65** |
| | | | |

| **NLC Income - July** | - | | - |
|---|---|---|---|
| Crane Permits | | | €503.26 |
| Skip Permits | | | €124.06 |
| Scaffolding Permits | | | €0.00 |
| Hire of Hall | | | €35.00 |
| Tender Documents | | | €0.00 |
| Trenching Permits | | | €11.65 |
| Contractor's Guarantees | Refundable | | €2,212.97 |
| Kiosk Permit | | | €139.76 |
| Cultural Activities | | | €0.00 |
| Hire of Football Ground | | | €0.00 |
| Others | (Advertising, Donations, Courses, 34U Sponsors, Parking Clocks, etc) | | €1,254.10 |
| | | | €4,280.80 |
| | | | |
| **Refunded by Mornago Delegation** | | | |
| Smart | Lunch at Pjazza Castro | | €16.48 |
| Smart | Lunch at Pjazza Castro | | €49.49 |
| Smart | Lunch at Pjazza Castro | | €12.85 |
| Smart | Lunch at Pjazza Castro | | €14.00 |
| Smart | Lunch at Pjazza Castro | | €141.82 |
| Green Supplier | Flowers | | €47.00 |
| | | | **€281.64** |
| | | | |
| **Returned Goods** | | | |
| Smart | Water, Empty bottles | | €36.33 |
| | | | **€36.33** |

**B**

**Purchase orders issued during July 2010**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 01/07/2010 | 3319 | Archway Ironmongery | Skorfini, washers, WD40 | €20.67 |
| 30/06/2010 | 3320 | Paramount Garage | Transport for Group og PD | |
| 01/07/2010 | 3321 | R & G Ironmongery | Piant - conferenceroom and civic centre | €86.00 |
| 05/07/2010 | 3322 | Archway Ironmongery | Paint, paint rollers and filler - conference room | €69.81 |
| 05/07/2010 | 3323 | Opus 33 | Picture frames | €26.00 |
| 05/07/2010 | 3324 | Archway Ironmongery | Paint rollers and pint - conference room | €42.60 |
| 05/07/2010 | 3325a | Archway Ironmongery | Paint - conference room | €32.52 |
| 06/07/2010 | 3325 | MF Electrix | uplighters and ppicture light - conference roon, civic centre | €375.00 |
| 06/07/2010 | 3326 | R & G Ironmongery | Paint - conference room and civic centre | €86.00 |
| 08/07/2010 | 3327 | Cimaco Group Ltd. | Hand towels and toilet paper - Toilets | €135.26 |
| 08/07/2010 | 3328 | Snowhite Loundry | Loundry Service for Flags | €30.00 |
| 08/07/2010 | 3329 | R&G Hardware Stores | Paint | €22.41 |
| 12/07/2010 | 3330 | R & G Ironmongery | Paint - civic centre | €86.00 |
| 14/07/2010 | 3331 | Smart | Finger food for Mornago delegation | |
| 12/07/2010 | 3332 | R & G Ironmongery | Paint - civiv centre | €43.00 |
| 14/07/2010 | 3333 | JB Stores | Material for curtains - conference room | €600.00 |
| 14/07/2010 | 3334 | All Interiors | Curtain railings - conference room | €135.00 |
| 14/07/2010 | 3335 | Paramount Garage | Transport - Tours - (Mornago visit) | €1,652.00 |
| 15/07/2010 | 3336 | R & G Ironmongery | Paint - for reception | €26.22 |
| 15/07/2010 | 3337 | Archway Ironmongery | Paint - for reception | €41.80 |
| 16/07/2010 | 3338 | Opus 33 | Picture mounting - art exhibition - civic centre | €145.20 |
| 19/07/2010 | 3339 | Archway Ironmongery | Energy savers - civic centre | €17.08 |
| 20/07/2010 | 3340 | Archway Ironmongery | Screws, corners - display art stands - civic centre | €15.29 |
| 20/07/2010 | 3341 | Archway Ironmongery | Paint for public convenience and railings around the ground | €18.82 |
| 15/07/2010 | 3342 | Firm Salvatore Caruana | Flag poles | €122.64 |
| 20/07/2010 | 3343 | Archway Ironmongery | Paint - for stair railings | €42.80 |
| 20/07/2010 | 3344 | AS supplies | Signs - civic centre | €397.53 |
| 20/07/2010 | 3345 | Marsovin | Fontana natural water | €19.38 |
| 20/07/2010 | 3346 | Archway Ironmongery | Plywood and nails (Salina picnic area - Mornago visit) | €11.75 |
| 20/07/2010 | 3347 | Gauci Borda | Flags of Naxar - Mornago visit | €44.00 |
| 20/07/2010 | 3348 | MG Home Interiors | Service and installation - curtains for conference room | €375.00 |
| 22/07/2010 | 3349 | Parisio Store | Wall clock - conference room | €33.00 |
| 22/07/2010 | 3350 | Archway Ironmongery | Screws, floodlights (Salina picnic area - Mornago visit) | €155.75 |
| 22/07/2010 | 3351 | Country Garage | poles (Salina picnic area - Mornago visit) | €52.00 |
| 23/07/2010 | 3352 | Archway Ironmongery | Paint terracotta - Railing around the ground | €79.50 |
| 26/07/2010 | 3353 | BMV Ltd | Wire (Salina picnic area) | €40.40 |
| 26/07/2010 | 3354 | Maltapost | Stamps | €232.94 |
| 27/07/2010 | 3355 | Archway Ironmongery | paint - poles | €26.20 |
| 28/07/2010 | 3356 | JB Stores | Sheer - curtian for conference room | €14.70 |
| 28/07/2010 | 3357 | Gauci Borda | Malta flag - offices | €26.00 |
| 28/07/2010 | 3358 | All Interiors | Maintenance service - vertical blind - Main office | €23.00 |
| 28/07/2010 | 3359 | Archway Ironmongery | Energy savers - decorative poles | €40.25 |
| 28/07/2010 | 3360 | JGC Ltd | Rubber tiles | €35.00 |
| 28/07/2010 | 3361 | Archway Ironmongery | Rollers - art exhibition | €2.64 |
| 29/07/2010 | 3362 | R&G Ironmongery | Paint | €7.66 |
| 29/07/2010 | 3363 | R&G Ironmongery | Plastic paint | €7.66 |
| 29/07/2010 | 3364 | Archway Ironmongery | Green Netting | €247.50 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 30/07/2010 | 3365 | Archway Ironmongery | Paint | €17.64 |
| 30/07/2010 | 3366 | R&G Ironmongery | Paint | €7.66 |
| 30/07/2010 | 3367 | CDA Ink&Toner Ltd | Toner for Front Office Printer | €48.92 |
| 30/07/2010 | 3368 | Perfect Screen Printers Ltd | T-shirts, polo shirts, bags | €634.84 |

**Total:** **€6,453.04**

<u>Mozzjoni fuq "*il-bring in sites.*"</u>

Mozzjoni prezentata minn: Marlon Brincat
Sekondant: Clifford Galea

Wara ħafna ilmenti li stqarru hafna mir-residenti tal-lokalita' tan-Naxxar, jien qed nipproponi li: dawk *"il-bring in sites"* li mghandhom l-ebda tip ta' osservazzjoni ta' mezz ta' CCTV camera ghandhom jittnehew. Dan il-ghaliex, hafna skart li qed jigu suppost mormi "*gol-bring in sites"*, kif ukoll skart domestiku iehor qed jispicca kollu fit-triq, u b'hekk qed jikkawza hafna hmieg, intejjen, telqa u qed igib hafna grieden li dawn jistgħu jikkawza mard.

Jien nemmen u qed nara b'ghajneja li l-iskop taghhom mhux qed jigi milhuq, anzi qed jikkawza aktar skart mifrux mhux f'postu gol-lokalita taghna.

Zewg siti li nista nsemmi huma: 1. Triq il-Brazil, u 2. "*il-bring in sites"* li hemm ezatt wara l-iskola primarja, fejn ftit xhur ilu din spiccat milquta minn att vandalu. Fejn din giet maħruqa.

Lil-kunsill diga provdejtlu xi ritratti ta' l-iskart mormi u hmieg li qed jigi kkawzat.

Grazzi bil-quddiem.

Marlon Brincat
Kunsillier